Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Numru 8/2005

1. Rat l-impjutazzjonijiet dedotti kontra Elton Brincat ta’ 26 sena iben Paul u Mary nee Ghigo imwieled Attard fit-23 ta’ Settembru 1978 residenti fi 11 Triq Ġużè’ Bajada Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 461878 (M)

Akkużat talli fi Gwardamanġia u f’dawn il-Gżejjer fis-17 ta’ Jannar 2005 u matul l-erba’ xhur ta’ qabel din id-data

a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta

b) kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

ċ) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanata cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metro mill-parametru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex, f'każ ta' ħtija, l-imputat iħallas ukoll għall-ispejjeż tal-periti maħtura u dan ai fini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2005, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat bin-numru 4618ta' l-1978, il-fedina penali ta' l-imputat, ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario mifsud (fol.37) u tal-Perit Valerio Schembri (fol.62), u l-ħatriet ta' dawn iż-żewġ esperti (verbal ta' l-14 ta' Frar 2005)

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur

Ikkonsidrat

6. Fis-17 ta' Jannar 2005, għall-ħabta tat-3neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar, xi membri ta' l-iskwadra tad-drogi kienu qegħdin fl-inħawi tal-Gwardamanġja meta identifikaw Isużu Gemini HAT 555 li aktarx kein qed jużaha l-imputat. Dan kien akkumpanjat mit-tfajla tiegħu Diane Taliana u miegħu kien hemm żewġ ġuvintur ukoll.

7. Milli jidher li l-karozza kienet waqfet u l-ġuvintur ippruvaw jgħinu lill-imputat iġib il-fuel. Saret tfittxija fuq kulħadd. Din kienet pożittiva fuq Elton Brincat biss. Fuqu nstabu 5 pakketti ta' l-eroina li kienu qegħdin ġo bajda tal-kinder. Kellu wkoll ammont żgħir ta' raża tal-cannabis u ħaxixa. L-imputat kellu fuqu Lm82.

**L-Istqarrija ta' l-imputat.**

8. Din saret fit-18 ta' Jannar 2005 fil-11.15 am. L-imputat stqarr li kien jieħu l-heroin u l-cannabis. Kien ilu jieħu l-ismoke xi sitt snin u l-eroina xi erba' snin. Daqqa jieqaf u daqqa jerġa' jibda. Dan l-aħħar kien reġa' beda f'Ottubru tas-sena 2004.

9. Fil-lejl ta' qabel kien arrestat l-imputat kien mar jixtri d-droga eroina. Huwa kien mar il-Gwardamanġja għaliex mar id-Detox Centre għall-methadone. Il-karozza kienet waqfet u żewġ żgħażagħ li ien jaf kienu offrewlu li jmorru jġibu d-diesel minn pompa fil-Marsa. Il-pulizija waslu meta l-imputat kien qed jitfa' d-diesel.

10. Huwa ammetta li l-bajda tal-plastik li kien fiha l-eroina kif ukoll il-biċċa blokka tal-cannabis u l-grass tal-cannabis kienu tiegħu.

11. Dwar it-Lm82 huwa qal li dawn kienu parti mill-paga ta' Lm150 li missieru tah is-Sibt ta' qabel. Huwa kien ħallas għall-ismack. L-eroina kien xtraha Lm125. [1] Huwa kien xtraha f'ħames pakketti. Il-blokka u l-ħaxixa kien xtrahom ħamest ijiem qabel. L-imputat stqarr li l-eroina kienet għalih.Huwa ried li jkollu biċċejjed għal xi ġimgħa. Elton Brincat stqarr li qatt ma kien biegħ drog lil ħadd ieħor u kien jaħraq tleit kwarti ta' gramma kull jum.

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

12. Diane Taliana xehdet li l-Pulizija kienu fittxew fuq iż-żewġ ġuvintur li kienu għenu lill-imputat u fuqha. Il-

[1] L-imputat bilfors kellu xi flus oħra barra l-Lm150 għaliex jekk kien ħallas Lm125 għall-eroina, suppost kien fadallu Lm25 u mhux Lm82. Hemm Lm57 unaccounted for. L-imputat ta spjega fix-xhieda tiegħu.

Pulizija kienu żammew lilha u lill-imputat biss minħabba li lill-imputat kienu sabulu d-droga.

13. PS 368 Stephen Monreal xehed li hu kien sab il-bajda tal-kinder fil-but tla-lemin tal-jeans li kien liebes l-imputat. (fol.19). Kienu nstabu l-flus u l-ħaxixa.

14. WPC 89 Spiteri xehed li kienu raw lill-imputat tiela' n-naħa tad-detox u wara niżel f'karozza ma' żewġ persuni oħra. Huwa kkonferma s-sejba ta' l-oġġetti msemmija mix-xhud ta' qablu u rrefera wkoll għar-raża tal-cannabis. (fol.24). Il-karozza kienet ipprakjata quddiem ix-Xandir f'kantuniera. L-imputat u l-ġuvintur kienu ġejjin mid-direzzjoni ta' l-isptar. L-imputat kellu f'idejh il-jerry cans tal-fuel. (fol.26).

15. L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma (fol.42) li l-ħames boroż tal-plastik kellhom ammont nett totali ta' 4.184 grami eroina b'purita' ta' 32%. Kien hemm ukoll 1.245 raża tal-cannabis u 0.193 grammi tal-pjant tal-cannabis.

16. Il-ħames pakketti kellhom użin li jvarja minn 0.804 sa 0.862 u għalhekk kienu bjen wieħed u ieħor jiżnu l-istess. (fol.41).

17. Il-Perit Valerio Schembri xehed dwar ir-relazzjoni tiegħu u kkonkluda li mit-tliet postijiet indikati mill-Proekuzzjoni – Saint Augustine College, id-Detox Centre u l-Creche ta' l-Ursolini – dan ta' l-aħħar biss kien jdiħol fil-mitt metru.

**Xhieda tad-Difiża**

18. Xehed l-imputat u qal li fl-istqarrija kien qal il-verita' (fol 83). Inqratlu l-istqarrija (fol.84-87) u kkonfermaha. L-Avukat Difensur talbu jispjega dak li kien qal dwar il-flus. L-imputat xehed li kien fadallu xi ħaġa mill-ġimgħa ta' qabel u għaqqadhom ma' xulxin (fol.87) u mar xtara. Il-flus li sabu l-Pulizija kienu ġejjin mix-xogħol. A fol.92 huwa spjega li għal żmien il-Milied kien qala' aktar flus.

19. Huwa żied jgħid ukoll li dak li kien arrestat il-Pulizija stennewha jagħti d-diesel. Qabel seħħ dan liż-żgħażagħ kien talabhom jgħinuh iġib id-diesel. Huwa nsista li l-karozza kienet ġejja min-naħa tal-Hamrun u tiġi faċċata tad-Detox. Il-karozza ma kenitx ġejja min-naħa tad-detox. (fol.89). Xehed ukoll li d-droga kienet għalih. (fol.90).

20. Fil-kontro-eżami huwa qal li dejjem ħa l-eroina fuq il-foil u kien jieħu bejn nofs gramma u gramma kull jum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Il-Qorti kkonsidrat l-ewwelnett l-ammont ta' eroina. Dan huwa wieħed serju għaliex ileħħaq l-4.184 grammi u kellu purita' ta' ċirka 32%.

22. Waħidha din iċ-ċirkostanza hija biżżejjed biex tindika pussess aggravat. Ma' dan hemm it-tqassim f'ħames pakketti li wkoll iwassal għall-istess konklużjoni. Fl-aħħarnett, dan l-ammont ta' eroina kien qed jinġarr barra t-triq li jġiegħel wieħed jistqasi għaliex dan l-ammont kien fuq l-imputat meta hu kien għadu kif mar jieħu l-methadone?

23. Iżda l-Qorti wiżnet sew l-istqarrija li għamel l-imputat li ttieħdet xi sbatax-il siegħa wara li kien arrestat u ssib li r-risposti li ta l-imputat huma aċċettabbli bħala spjegazzjoni ta' x'kellu fuqu dak in-nhar ta' l-inċident. L-inċident tal-karozza jinħass veriijier u l-imputat spjega d-drug habit a tempo vergine f'ton li jinħass konvinċenti. L-ispjega tal-flus mogħtija minn fuq il-pedana tax-xhieda hija wkoll aċċettabbli waqt li l-insistenza ta' l-imputat dwar id-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-karozza (meta kien fil-kumpanija tal-ġuvintur biex iġib id-diesel) turi l-preokuppazzjoni ta' l-imputat li ma jkunx marbut ma' xi traffikar tad-droga qrib id-detox.

24. Għalhekk, minħabba li hemm dubju raġonevoli jekk il-pussess ta' l-imputat kienx wieħed aggravat, il-Qorti qed

issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda fil-livell ta' pussess sempliċi biss.

25. L-imputazzjoni (b) u (ċ) huma ippruvati kemm mill-ammissjoni fl-istqarrija ta' l-imputat kif ukoll mill-analiżi forensika. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

26. L-imputazzjoni (d) hija fil-fatt aggravju li huwa pporspettat f'każ ta traffikar jew ta' pussess aggravat. Ġaladarba l-Qorti ddeċidiet li taħt l-ewwel imptuazzjoni hemm ħtija fil-livell ta' pussess sempliċi biss u ġaladarba l-imputazzjonijiet (b) u (ċ) huma dawk t'a pussess sempliċi, il-Qolrit qed tillibera lill-imputat mir-raba' aggravju.

**Konklużjoni**

27. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/193, it-Taqsmiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) u l-proviso dwar id-distanza li jinsab fl-istess artikolu 22(2) taħt iż-żewġ subinċiżi msemmija- kollha tal-Kap 101 qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kongrih fil-livell ta' pussess biss u mhux ta' pussess aggravat, liema reat huwa kompriż u involut f'din l-imputazzjoni; qed issibu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni; u qed tilliberah mill-aggravju li huwa immarkat bħala imputazzjoni (d) fiċ-ċitazzjoni.

28. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li:

(a) l-imputat diġa' ngħata ċans jaqta' l-vizzju permezz ta' deċiżjonijiet mogħtija fis-17 ta' Ġunju 1998 u fit-13 ta' Settembru, 2001;

(b) l-ammont ta' eroina involut huwa wieħed serju ħafna u jista' jkun ta' perikolu kemm jekk fid-dar kif ukoll meta wieħed qed jiġri bih barra kif kien qed jagħmel l-imputat.

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn sakemm l-imputat ma jagħmel ebda reat ieħor matul dan iż-żmien u għall-ħlas ta' multa ta'

Lm700 (seba’ mitt lira Maltija) liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ Lm50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum.

29. Fin-nuqqas ta’ ħlas ta’ xi pagament il-bilanċ ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa tibqa’ ma titħallasx, din tinbidel f’jum priġunerija għal kull ħames liri Maltin mhux imħallsa b’dan pero’ li t-termu ta’ sitt xhur qatt m’għadnu jinqabeż u jekk il-perjodu maħdum matematikament ikun inqas, għandu jgħodd il-perjodu iżgħar.

30. Il-Qorti spjegat xi jimplika l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

31. Ai fini ta’ l-artikolu 533, il-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta’ l-espert analista biss (Lm91.16) u mhux tal-Perit Arkitett u dan għaliex il-Qorti illiberat lill-imputat mill-imputazzjoni ta’ pussess aggravat u sabitu ħati ta’ pussess sempliċi biss.

32. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------